# ID-DAWL

ĠUNJU 2021 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 42

"Jiena ħloqt il-ġinni u l-bnedmin
ħalli dawn jagħrfuni u
jagħtuni qima."




Paċi fil-Palestina | Il-Ħidma Soċjali | 'Il Fejn Sejra d-Dinja? | Il-Paċi Internazzjonali

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# IL-PAĊI FIL-PALESTINA

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, il-Kap Dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, tkellem għad-drittijiet tal-poplu Palestinjan u enfasizza fuq il-ħtieġa tal-paċi u t-talb. Huwa qal:

"Illum sinċerament irridu nitolbu għall-poplu Palestinjan li qed isofri minn moħqrija kbira. Fil-jiem li għaddew, meta marru jitolbu fil-Moskea Al Aqsa, sfaw attakkati brutalment u msawta mill-awtoritajiet tal-istat. Bl-istess mod, qed jiġu mkeċċija minn Sheikh Jarrah, lokalità żgħira li tagħmel parti minn arthom... Il-pulizija qed jużaw il-gass tad-dmugħ u l-bulits u issa anki bdew l-attakki mill-ajru. Qed jgħidu li qed jimmiraw għall-għedewwa u l-militanti tagħhom, iżda fir-realtà, qed iseħħu krudeltajiet orribbli u inġusti u qed jiġu attakkati ċittadini innoċenti. Kien hemm ukoll rapporti fil-midja li l-pulizija Iżraeljana ostakolaw lin-nies midrubin milli jingħataw kura u trattament mediku...

M'hemm l-ebda tqabbil bejn il-forzi użati miż-żewġ naħat. Għaldaqstant hemm bżonn li nitolbu għall-Palestinjani. Jalla Alla l-Omnipotenti jtejjeb is-sitwazzjoni tagħhom u joħloq mezz għal-libertà tagħhom u jalla jibqgħu jżommu l-postijiet u l-artijiet li kienu ngħataw fil-ftehim oriġinali... Jalla Alla jkollu ħniena mill-imkażbrin u jalla l-oppressuri ssir ġustizzja magħhom."

## ID-DAWL

Ġunju 2021 – Numru 42 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | Tel: 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

## INDEX

Peace in Palestine? 02
Charitable work 03
Where the world is heading? 04
International relations 06
Food for the homeless 08

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** ImageFlow | Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

# IL-ĦIDMA SOĊJALI




**FAMILJI TA' REFUĠJATI :** Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta ppreżentat l-ikel lil 51 familja residenti fis-sezzjoni tal-familji fiċ-ċentru ta' Ħal Far bħala ġest li jiċċelebra r-Ramadan.




**FONDAZZJONI SEBĦ :** Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta ppreżentat l-ikel lill-Fondazzjoni Sebħ għad-djar residenzjali kollha tagħha biex jiġi ċelebrat Eid-Ul-Fitr fi tmiem ir-Ramadan.

# 'IL FEJN SEJRA D-DINJA?

Qegħdin ngħixu fi żminijiet meta l-konsumeriżmu qed dejjem jiżdied u l-bnedmin jinsabu f'taqbida kontinwa biex jikkompetu ma' xulxin ħalli jiksbu aktar ħwejjeġ u affarijiet materjali. Il-ħajja tagħna tant saret frenetika, donnha bħall-magni. Il-bżonnijiet spiritwali tal-bnedmin qed jiġu mxejna u megħluba mix-xewqat materjali.

Xi kultant, il-bnedmin iħossu li saru qisħom rowbots biex isegwu l-pass dejjem jgħaġġel iktar tal-ħajja. Ġie nnutat ukoll, u ħafna nies urew it-tħassib tagħhom li l-invenzjonijiet teknoloġiċi bħal-laptops, tablets u smart phones qed iżommu lin-nies il-ħin kollu okkupati fid-dinja bla tmiem u maġika tal-internet b'tali mod li l-bnedmin ma jibqgħalhomx żmien għall-ħtiġijiet u l-bżonnijiet spiritwali tagħhom.

Ir-relazzjonijiet u l-persuni prezzjużi li suppost huma l-aktar importanti qed jiġu traskurati l-ħin kollu. Sa ċertu punt huwa vera li n-nies li joqogħdu taħt l-istess saqaf xi kultant iħossu li jgħixu ħafna mbegħdin minn xulxin minħabba n-nuqqas ta' kuntatt u ħin għal xulxin, u li din id-dinja massiva ċkienet u u ġiet tant viċina permezz tal-ismart phones.

F'dan il-kuntest, jiena nemmen li rridu nsaqsu lilna nfusna xi mistoqsijiet bażiċi u fundamentali u rridu nagħmlu ħilitna biex infittxu t-tweġibiet tagħhom ukoll.

'Il fejn sejra d-dinja? Dawn l-iżviluppi materjalistiċi u teknoloġiċi huma biżżejjed għat-titjib fiżiku u spiritwali tagħna? X'inhu l-għan tal-ħolqien tagħna? Aħna medhijin wisq biex nakkwistaw dejjem iżjed? Qed nagħtu kas biżżejjed tal-ħtiġijiet spiritwali tagħna?

Qed nagħmlu biżżejjed għall-benesseri u r-riformazzjoni spiritwali tagħna? X'tip ta' ġenerazzjoni qed inħejju fid-djar u s-soċjetajiet tagħna? Uliedna se jkunu kapaċi biżżejjed biex jaffaċċjaw l-isfidi futuri li d-dinja se tħabbat wiċċha magħhom fis-snin u d-deċennji li ġejjin?

Jiena sinċerament nemmen li kollha kemm aħna għandna nsaqsu dawn il-mistoqsijiet lilna nfusna u nippruvaw infittxu t-tweġibiet tagħhom, u mbagħad nippruvaw nirranġaw il-metodi tagħna skont il-bżonn, qabel ma jkun tard wisq.

Il-ġenerazzjoni attwali għandha tmexxi bl-eżempju u tagħti eżempji tajbin li jkunu jistgħu jiġu segwiti mill-ġenerazzjoni aktar żagħżugħa. Irridu nkunu inklinati li nwettqu għemejjel tajba u rridu noqogħdu attenti ħalli xi kundizzjonjiet li nsibu madwarna ma jbegħduniex mit-tajjeb u jġagħluna nwettqu l-ħażin.

F'dawn iż-żminijiet, qed naraw li hemm gwerra kontinwa bejn it-tajjeb u l-ħażin, bejn il-virtù u l-malinjità. Skont il-Koran Imqaddes, l-għan tal-ħolqien tal-bniedem u l-Ġinn huwa l-qima ta' Alla. Għalhekk, irridu dejjem niftakru l-iskop tal-eżistenza tagħna u qatt ma niffissaw fuq il-kisba materjali sal-punt li ninħakmu fiha u ninsew lill-Ħallieq tagħna.

**It-talb, id-determinazzjoni u l-isforzi kontinwi** huma mezzi li jwasslu għar-riformazzjoni spiritwali u li jgħinuna nimxu fit-triq tal-ġustizzja u r-rispett. Bis-saħħa ta' dawn il-mezzi nistgħu nevitaw li ninqabdu f'nassa mix-Xitan. It-talb jgħinna biex nibqgħu fit-triq tal-virtujiet u nwettqu għemejjel tajba u ġusti!

Il-Messija Mwiegħed[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, enfasizza ħafna fuq it-talb u jgħid:

> **"It-talb bla dubju ta' xejn għandu qawwa kbira. Jekk il-mejtin għandhom jirxoxtaw dan iseħħ biss bis-saħħa tat-talb; jekk il-ħabsin jistgħu jiksbu l-ħelsien dan iseħħ biss bis-saħħa tat-talb; jekk il-ħżiena għandhom isiru tajbin dan iseħħ biss bis-saħħa tat-talb. Iżda biex wieħed jitlob qisu jkun se jmut."**
> (*Ruhani Khazain* V. 20, p. 234)

Ma nistgħux nirbħu l-Ġenna jekk ma nissiltux kontra l-ġibdiet ħżiena u nobdu l-kmandamenti ta' Alla, u nippruvaw inkunu onesti. Sforzi vittorjużi u ġenwini kontra x-Xitan żgur li jwasslu lill-individwu biex isir reċipjent tas-sodisfazzjon ta' Alla u b'hekk jidħol fil-Ġenna.

# IL-PAĊI U R-RELAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

## "Xi jgħid l-Iżlam fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali msejsa fuq il-ġustizzja, u għalhekk mezz għat-twaqqif tal-paċi?

Fil-Koran Imqaddes, Alla s-Setgħani għamilha ċara li għalkemm in-nazzjonalitajiet jew l-etniċità tagħna jservu bħala mezz ta' identità, dawn bl-ebda mod ma jintitolaw xi forma ta' superjorità ta' xi tip.

Il-Koran, b'hekk, jagħmilha ċara li l-bnedmin kollha jitwieldu ndaqs. Mhux biss, fl-aħħar prietka mogħtija mill-Qaddis Profeta Muħammad[sa], huwa ta struzzjonijiet lill-Musulmani kollha biex jiftakru li Għarbi mhuwiex superjuri għal min mhux Għarbi bħalma min mhux Għarbi mhuwiex superjuri għall-Għarbi. Huwa għallem li l-abjad mhuwiex superjuri għall-iswed bħalma l-iswed mhux superjuri għall-abjad.

Għalhekk, l-Iżlam jgħallem b'mod ċar li persuni minn nazzjonijiet jew razez differenti huma ugwali. Huwa ċar ukoll li l-persuni kollha għandhom jingħataw drittijiet ugwali mingħajr ebda diskriminazzjoni jew preġudizzju.

Madankollu, illum naraw li hawn diviżjoni u firda bejn nazzjonijiet b'saħħithom u nazzjonijiet dgħajfa. Ngħidu aħna, fin-Nazzjonijiet Uniti nsibu li teżisti distinzjoni bejn ċerti pajjiżi. Għalhekk, fil-Kunsill tas-Sigurtà naraw li hemm membri permanenti u oħrajn li mhumiex. Din id-diviżjoni serviet bħala sors intern ta' ansjetà u frustrazzjoni u għalhekk ta' spiss nisimgħu rapporti ta' ċerti pajjiżi li jipprotestaw kontra din l-inugwaljanza.

L-Iżlam jgħallem l-ugwaljanza u l-ġustizzja assoluta fil-materji kollha u għalhekk insibu direzzjoni kruċjali oħra f'Kapitlu 5, Vers 3 tal-Koran Imqaddes. F'dan il-vers huwa jgħid li biex wieħed jilħaq kompletament l-għanijiet tal-ġustizzja, huwa neċessarju li wieħed jittratta b'ġustizzja u ekwità saħansitra 'l dawk in-nies li jaqbżu kull limitu fil-mibegħda u l-ostilità tagħhom.

Il-Koran jgħallem li kull min imexxik lejn it-tjieba u l-virtù għandek tilqgħu filwaqt li għandek tiċħad lil min imexxik lejn imġiba żienja jew inġusta.

# IL-LIVELL TA' ĠUSTIZZJA

## Mistoqsija li toħroġ b'mod naturali hi: x'inhu l-livell ta' ġustizzja mistenni mill-Iżlam?

F'Kapitlu 4, Vers 136, il-Koran Imqaddes jgħid li saħansitra jekk ikollok tixhed kontra tiegħek innifsek, il-ġenituri jew il-maħbubin tiegħek, għandek tagħmel dan biex b'hekk issir ġustizzja u tiġi mħarsa l-verità.

Pajjiżi b'saħħithom u sinjuri m'għandhomx iċaħħdu d-drittijiet ta' pajjiżi ifqar u iktar dgħajfa fi sforz biex iħarsu d-drittijiet tagħhom, u lanqas m'għandhom jittrattaw mal-pajjiżi l-fqar b'mod inġust.

Mill-banda l-oħra, il-pajjiżi foqra u dgħajfa m'għandhomx ifittxu li jagħmlu l-ħsara lill-pajjiżi b'saħħithom jew sinjuri kull meta tippreżenta ruħha l-opportunità. Minflok, kull naħa għandha tirsisti biex tħaddan kompletament il-prinċipji tal-ġustizzja. Tabilħaqq, dan huwa suġġett ta' importanza kritika fiż-żamma ta' relazzjonijiet paċifiċi bejn in-nazzjonijiet."

Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], *Il-kriżi dinjija u t-triq għall-paċi*, p.104-106

# L-IKEL GĦALL-HOMELESS



Kaxxi bl-ikel ingħataw lil Dar Leopoldo – kenn għal nies bla dar – mill-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta.

Id-donazzjoni ġiet ippreżentata lis-Sinjur Andrew Cauchi, il-kap tad-Dar Leopoldo, mill-Imam Laiq Ahmed Atif, President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta, flimkien mal-Youth Leader, Haroon Ahmad Khan.

Barra minn hekk, il-fergħa taż-żgħażagħ tal-Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta, il-*Majlis Khuddam-Ul-Ahmadiyya*, ipprovdiet l-ikel imsajjar għal nies bla saqaf fuq rashom li jgħixu f'Dar Leopoldo.



**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**